MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 2307/1999/1

**Paul Bottone u Josephine Mallia bhala l-legittimi rapprezentanti ta' binthom minuri Manilla Bottone.**

**vs**

**Rita Saliba u, ghal kull interess li jista' jkollu, zewgha John Saliba u b'digriet tat-18 ta' Mejju 2000 il-Qorti ordnat l-intervenut fil-kawza ta' Montaldo Insurance Agency Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fl-24 ta' April 1999 ghall-habta tal-10.00am il-konvenuta Rita Saliba, waqt li kienet qed isuq il-vettura targata CAD-502 fi Triq San Martin, iz-Zurrieq, investiet lill-vettura tal-marka Daewoo targata AAP-425 misjuqa mill-attur Paul Bottone;

Illi bint l-atturi, a cioe il-minuri Manilla Bottone, kienet passiggiera fil-vettura ta' l-attur u kawza ta' l-incident imsemmi sofriet danni inkluzi korriment, sfregju, debilita w inkapacita permanenti;

Illi l-imsemmi incident sehh unikament tort u htija, b'negligenza, traskuragni, imperizja, sewqan eccessiv, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta Rita Saliba;

Illi l-konvenut John Saliba huwa mizzewweg lill-konvenuta Rita Saliba u ghalhekk, bhala ko-partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti mal-konvenuta, ghandu interess illi jkun parti fil-kawza odjerna;

Illi l-konvenuti gew interpellati ghal diversi drabi sabiex jghaddu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kawzati minnhom, izda baqghu inadempjenti;

Illi l-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li ghall-incident awtomobilistiku li sehh fi Triq San Martin, iz-Zurrieq, fl-24 ta' April 1999, bejn il-vettura targata CAD-502 misjuqa mill-konvenuta Rita Saliba, u l-vettura targata AAP-425 misjuqa mill-attur Paul Bottone, f'liema incident il-minuri bint l-atturi sofriet danni, huma responsabbli biss il-konvenuti jew min minnhom;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, d-danni sofferti mill-imsemmija minuri Manilla Bottone fl-imsemmi incident,

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tas-7 ta' Mejju 1999, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Frar 2000 fejn il-Qorti nnominat bhala espert mediku lil Dr. Frederick Zammit Maempel sabiex jezamina lill-minuri u nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju fit-13 ta’ April 2000 u fis-26 ta’ April 2000;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Mejju 2000 fejn il-Qorti ssospendiet l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju;

Rat ir-rikors tal-atturi fejn talbu l-isfilz tan-nota tal-eccezzjonijiet minhabba li hi tardiva u l-Qorti permezz tad-digriet tat-18 ta’ Mejju 2000 ordnat l-isfilz taghhom;

Rat ir-rikors tas-socjeta’ Montaldo Insurance Agency Limited fejn talbet biex tintervjeni fil-kawza. Il-Qorti laqghet it-talba;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta’ assikuratrici intervenuta fil-kawza a fol.45 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi in kwantu ghal responsabbilta' ta' l-incident in kwistjoni, l-esponenti kienu gja infurmaw lill-atturi li l-assikkurat taghhom a cioe' Rita Saliba, kienet accettat it-tort, tant li gja bdew jithallsu dawk il-kontijiet ossia ricevuti li l-istess atturi kienu hallsu u ghalhekk l-azzjoni odjerna hija intempestiva;

2. Illi in kwantu ghall-korriment ta' Mariella Bottone, l-atturi qatt ma kkwantifikaw it-talba jew pretenzjoni taghhom kwindi wiehed qatt ma seta’ kien inadempjenti f’dan ir-rigward u f’dan il-kaz ukoll l-azzjoni hija intempestiva u ghalhekk l-esponenti m’ghandhom ibghatu ghall-ebda spejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol.45 *et seq.* tal-process;

Rat l-affidavit ta’ Paul Bottone;

Rat ir-rapport mediku ta’ Dr Frederick Zammit Maempel MD FRCS;

Rat il-verbali tas-seduti tal-20 ta’ Gunju 2000; tat-13 ta’ Lulju 2000 fejn gie nominat l-espert psikologiku Dr.Joseph R. Saliba; tal-25 ta’ Jannar 2001;

Rat ir-rapport tal-Espert Mediku;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Marzu 2001; tat-13 ta’ Gunju 2001 fejn Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghall-atturi ddikjara li m’ghandux provi izjed. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr.Paul Farrugia;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fid-9 ta’ Lulju 2001 u fl-24 ta’ Settembru 2001;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Ottubru 2001 fejn Dr. Mifsud Bonnici nforma lill-Qorti li s-seduti nzammu u s-socjeta’ intervenuta fil-kawza u l-konvenuti ma ressqux provi u talab li l-kawza tista’ tibqa’ ghas-sentenza bil-fakolta’ li jipprezenta nota. Dr. Ivan Gatt imsejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ 30 jum bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontroparti jew lill-parti li jkollhom 30 jum biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Jannar 2002;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-atturi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Jannar 2002 fejn peress li rrizulta li l-affidavit tal-attur u martu ma gewx notifikati lill-kontroparti jew lid-difensur taghha, il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza. Il-kawza giet differita ghan-notifika tal-istess affidavit; tal-14 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti; u tal-5 ta’ Gunju 2002 fejn Dr. Aaron Mifsud Bonnici talab li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Novembru 2002; u minhabba li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-

sentenza ddiferita għall-istess skop għas-7 ta' Jannar 2003;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-oħra tal-kawża.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) RESPONSABBILTA' TAL-INCIDENT

Illi l-kawza titratta dwar kollizzjoni li saret fi Triq San Martin, iz-Zurrieq, fl-24 ta' April 1999 bejn il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CAD 502 misjuqa mill-konvenuta Rita Saliba, u l-karozza bin-Numru ta' Registrazzjoni AAP 425 misjuqa mill-attur Paul Bottone, f'liema incident il-minuri bint l-atturi sofriet danni nkluzi korriment, sfregju, debilita' u inkapacita' permanenti.

Illi l-konvenuti huma kontumaci skond digriet tat-18 ta' Mejju 2000. Illi pero' s-socjeta' Montaldo Insurance Agency Limited talbet li tintervjeni fil-kawza w eccepiet illi l-azzjoni hi ntempestiva peress illi ferm qabel ma giet intavolata l-kawza, gie ammess it-tort tal-incident in kwistjoni tramite' s-socjeta' assikuratrici, tant illi bdew jithallsu l-kontijiet tal-hsarat tal-vettura. Illi in kwantu l-korriment tal-minuri l-atturi qatt ma kkwantifikaw it-talba jew pretensjoni taghhom u ghalhekk m'ghandhomx ibatu la spejjez legali u lanqas gudizzjarji ghax huma ma kienux inadempjenti.

Illi dwar ir-responsabbilta' tal-incident m'hemmx kontestazzjoni ghax jirrizulta min-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' assikuratrici li nterveniet fil-kawza li l-istess Montaldo Insurance Agency Limited kienu diga' nfurmaw lill-atturi li Rita Saliba kienet accettat it-tort tal-incident.

Illi fil-qosor id-dinamika tal-incident kienet is-segwenti: l-attur li joqghod fi Triq St. Andrews, Zurrieq, il-Hadd filghodu tal-24 ta' April 1999 kien hiereg mid-dar tieghu lejn Hagar Qim. Hu jrid idur ma' kantuniera biex johrog go

Vjal Indipendenza, kif fil-fatt ghamel u saq xi 150 metri. Dakinhar kellu tlett itfal mieghu. Hu u miexi go Triq Vjal Indipendenza, fil-*crossroad* waqaf fl-i*stop sign* u kompla ghaddej, meta habta u sabta habtet mal-karozza tieghu l-karozza misjuqa mill-konvenuta Rita Saliba li kienet hierga minn go *side street* cioe' Triq San Martin. Infatti fir-*Road Accident Report* hi kienet iddikjarat li *"She was proceeding straight to St. Martin at Crossroads she saw no one as she was momentarily blinded by the sun and suddenly she collided into car no.AAP 425."* M'hemm l-ebda dubju li l-impatt kien wiehed kbir. Illi rrizulta wkoll li l-i*stop sign* li rrefera ghalih l-attur effettivament kien tnehha ghax ma kienx hemm *pole sign* ghax kien tnehha ghalkemm il-"*white signs*" kienu ghadhom vizibbli, mentri fi Triq San Martin hemm *Stop Sign* u *pole* ta' *Stop Sign* li jindika l-obbligu li min johrog minn Triq San Martin irid jieqaf fil-kantuniera.

Illi minn dan kollu jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-konvenuta Rita Saliba kienet responsabbli ghall-incident *de quo* stante li baqghet hierga minn *side road* ghal fuq il-konvenut, li kien ghaddej minn go *major road*, u f'dan il-kuntest ghalkemm hemm il-kontumacja tal-konvenuta, hemm l-ammissjoni tas-socjeta' intervenuta fil-kawza dwar l-istess responsabbilta' tal-incident. (**"Avra Agency Limited nomine vs Joseph Gatt"** (P.A. (RCP) 26 ta' April 2001).

Illi f'dan l-incident il-minuri Manilla Bottone wegghet u soffriet konsegwenzi fizici kif ukoll psikologici. Illi kwindi l-Qorti trid tghaddi biex tillikwida d-danni wara li r-resposabbilta' tal-incident giet stabbilita w ammessa.

**(B) <u>LIKWIDAZZJONI TA' DANNI</u>**

Illi bhal ma hu evidenti l-atturi qed jipprocedu b'din il-kawza bhala l-legittimi rapprezentanti tal-minuri binthom Manilla Bottone. Illi din l-azzjoni hi bazata fuq l-**Artikolu 1045 tal-Kap.12** li jiddisponi li:-

*"(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf*

*effettiv li eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba l-inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita' mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."*

Issa tenut kont ta' dan l-**Artikolu 1045** jirrizulta car li tali somma tvarja skond ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, u li fiha l-Qrati dejjem ghandhom certu ammont ta' deskrizzjoni, proprju minhabba l-fatt li huma jkunu qed jezaminaw b'mod akkurat kull kaz fid-dettalji kollha tieghu.

Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** (A.C. 22 ta' Dicembru 1967) li pero' giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza "**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**" (A.C 16 ta' Novembru 1983) *"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".*

Illi hekk per ezempju ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20, pero' llum bis-sentenza **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine"** (App. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet ghaliex l-istess Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni aktar gusta, pero' dan ma jfissirx illi "*Il-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha jdejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-*

*gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformement ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *"din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tkun marbuta ma decizzjonijiet li jillimitaw il-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena",* u tali principju gie konsistentement segwiet u zvilluppat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, w inkluz *'changes and chances'* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabbilit sallum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w opinjonistiku".* ("**Karen Zimelli vs Michael Sammut**" - P.A.) ("**Anna Debono vs Law. Quintano Foodservice Limited gia' Pre Pacj Limited**" - P.A. RCP 24 ta' Marzu 2000).

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom "**Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et**" (P.A. 1 ta' Marzu 1992); "**Duncan Vassallo vs Khalid Schwej**" (P.A. 8 ta' Marzu 1996); "**Robert Barbara vs Saviour Galea**" (P.A.11 ta' Ottubru 1996); "**Susan Davies vs Anthony Galea** (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); "**Joseph Attard vs Carmelo D'Amato** (P.A. (NA) 5 ta' Ottubru 1999); "**George Gatt vs Francis E. Carbone**" (App. 7 ta' Lulju 1998); "**Anthony Turner et vs Francis Agius et**" (G.C.D. 17 ta' Frar 1998); "**Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et**" (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998), fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta' odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi fil-fatt fis-sentenza "**Anton Debono vs Law. Qunitano Foodservice Limited**" (P.A. (RCP) 24 ta' Marzu 2000) gie rilevat li din it-tendenza, alimentata mill-animu sabiex id-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li soffra, u dan apparti l-kuncett ta' *"pain and suffering",* giet mehuda wkoll oltre f'certi pronunzjamenti mill-Qrati taghna, fosthom "**Mary Bugeja vs George Agius**" (P.A. (JH) 12 ta' Jannar 1987) li sostniet illi:-

*"Il-Qrati fil-pronuncjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrinunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom … … … Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabilita'. Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhix aktar soggetta ghall-ebda revizzjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-realta`".*

Illi din fil-fatt ghandha tkun il-mira ta' kull evalwazzjoni u kalkolazzjoni ta' danni. Din l-istess vina giet segwita fil-kawzi "**Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine**" (K.G.M.B. 11 ta' Lulju 1989) u "**Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine**" (G.M.B.) fejn inghad illi *"L-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga' tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel … … Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta' l-att illegali w ingust ta' haddiehor m'huwix possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u induzzjoni".*

Illi aktar jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f'latitudini wiesa' imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta ir-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu 1986 intqal illi:

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni ic-chances and changes tal-hajja".*

Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Mejju 1984 intqal illi:

*"il-perijodu tal-multiplier ghandu dejjem jigi kunsidrat li jibda jiddekorri mid-data ta' l-incident. Id-danni necessarjament jigu likwidati wara l-incident, u xi drabi ftit wara l-incident u xi drabi ohra, stante proceduri legali li fin-natura taghhom jinvolvu t-trapass taz-zmien, xi ftit snin wara l-incident u eccezzjonalment bosta snin wara. Il-fatt li jkun ghadda z-zmien sa kemm jigu likwidati d-danni m'ghandux jaffettwa l-metodu ta' likwidazzjoni li ghandu dejjem jibqa' l-istess billi l-perjodu tal-multiplier dejjem jibda jiddekorri mid-data tal-incident. Altrimenti l-likwidazzjoni bil-multiplier ma jsirx b'mod uniformi..."*

Illi dwar il-*lump sum* jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe.**" (P.A. (JSP) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 1995) intqal:

*"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghall-'lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorti ta' decizjonijiet ohra moghtija minnha kif presjeduta, jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghall-'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perijodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".*

Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm bhala regola din l-evalwazzjoni ghandha tigi applikata, pero' certament mhux *sine qua non* stante li dan jiddependi hafna fuq ic-cirkostanzi tal-kaz *de quo,* u fl-opinjoni tal-Qorti, hemm kazijiet fejn lanqas dan il-persentagg ghall-*lump sum payment* lanqas ghandha titnaqqas, ghaliex lanqas tirrifletti r-realta' tad-danni sofferti, u din id-decizzjoni

ghandha tkun imhollija f'idejn il-gudikant li jkun qed jezamina l-istess kaz fid-dettalji kollha tieghu, nkluz il-likwidazzjoni ta' danni sofferti.

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tal-5 ta' Frar 1980 fl-ismijiet "**Vincenza Vella Dalmas vs John Ghigo et**" qalet illi:-

*"B'telf ta' qliegh wiehed ma ghandux jifhem biss telf ta' salarju jew hlas iehor li huwa jircievi izda ghandu jinkludi l-ispejjez kollha li minhabba fl-infortunju l-persuna jkollha taghmel ghaliex hija se jkollha titlef dawn il-flus minhabba f'dan l-infortunju".*

Illi f'din il-kawza tqabbad mill-Qorti l-Espert Mediku Mr. Frederick Zammit Maempel MD FRCS. Huwa rrimarka li meta ezaminaha *"Kien hemm merk immatur, skulurit roza skur, forma ta' J fuq il-hageb tal-lemin. Dan kien twil 6 cm u wiesgha 0.5cm u jidher car mill-boghod. Meta tbissmet, in-nofs tal-lemin ta' xuftejha ingibed kemmxejn anqas ghal genb minn nofs tax-xellug. Meta missejtha b'tajjara, hasset normali fuq kull parti ta' wiccha. Kien hemm farrett iehor orizzontali 'l fuq minn dak ta' qabel, twil 0.5cm li bilkemm jidher mill-qrib." "L-ezami newrologiku kien normali ghal kollox".*

Illi l-istess espert mediku kkummenta b'dan il-mod:-

*"Manilla garrbet ticrita li halla merk xejn sabih fuq il-hageb tal-lemin. Bla dubbju dan jikkostitwixxi sfregu. Pero' hemm tlitt konsiderazzjonijiet:-*

*1. Huwa wisq probabbli li biz-zmien il-kulur tal-merk jiccara u jirrendieh anqas jidher mill-boghod.*

*2. Operazzjoni tat-tip kosmetiku ghandha tnaqqis id-difett bosta.*

*3. L-uzu tal-make up jista' jghatti d-difett ghal kollox.*

*Fil-fehma tieghi, Manilla Bottone ghandha dizabilita' permanenti stmata ta' 8% (tmienja fil-mija). Dan ma jiehu*

*ebda konsiderazzjoni ta' l-effett li l-incident stess seta' kellu fuq il-psikologija tat-tifla."*

Illi fil-kaz odjern tipprezenta ruhha l-kwistjoni ta' l-ammont li l-Qorti trid tikkalkula fuqu biex tkun tista' tasal ghas-somma globali stante li hawn *si tratta* ta' minuri li ovvjament bhala tali ma kellha l-ebda dhul fil-mument ta' l-incident u ghadha sal-prezent. Illi din il-kwistjoni tqajjem l-istess tip ta' problema li hija simili bhal kaz tal-mara tad-dar. Illi l-punt ta' fejn wiehed irid jibda hija l-paga minima fi zmien l-incident. Dan l-ammont imbaghad irid jizdied ghaliex meta l-vittma sussegwentement tibda tahdem il-paga minima tkun zdiedet. Dan kollu kien spjegat car fil-kaz **"Saviour Micallef pro et noe v. Mario Psaila"** (P.A. 16 ta' Marzu 1981) fejn il-vittma kienet tifla ta' hdax-il (11) sena. Il-Qorti hemmhekk qalet:-

*"Illi din il-Qorti taqbel mas-suggeriment tal-perit legali li wiehed jiehu bhala bazi s-somma ta' seba' u tletin lira Maltin (Lm37) fil-gimgha u mhux il-qliegh tal-lum u dana in vista tal-fatt illi, kif inghad fuq, il-hajja lavorattiva ta' Marlene Micallef mhix se tibda llum, imma wara li tigi edukata u mrobbija, jigifieri meta wisq probabbli il-minimum wage, li qed jizdied minn sena ghal sena, ikun izjed gholi minn dak tal-lum."*

Illi din il-Qorti, kif presjeduta, taqbel ma' dak suespost u kwindi thoss li jkun gust li tiehu bhala bazi s-somma ta' Lm60 fil-gimgha u mhux, il-qliegh tal-lum u dan minhabba li l-hajja lavorattiva ta' Manilla Bottone mhix se tibda llum u b'hekk il-*minimum wage* se tkun zdiedet.

Illi mbaghad fir-rigward tal-*multiplier*, kif diga' inghad diversi drabi, din hi materja li tithalla hafna fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Illi meta sehh l-incident il-minuri Manilla Bottone kellha tmien (8) snin u ghalhekk il-hajja lavorattiva taghha ghadha trid tibda u b'hekk ghandha *"working life expectancy"* ta' cirka tnejn u erbghin (42) erbgha u erbghin (44) sena u fic-cirkostanzi thoss li ghandha tapplika *multiplier* ta' hamsa u tletin (35) sena.

Illi l-Qorti hatret ukoll l-Espert Psikjatriku Dr.Joseph R. Saliba MD, MRCPsych, Tpsych. Huwa tkellem mal-genituri taghha, mal-*headmistress* u mat-tifla biex ha informazzjoni kemm seta'. Illi kemm hu u kif ukoll l-espert mediku rrimarkaw li hi zammet xagharha migbud quddiem wiccha specjalment fuq il-lemin u kien car illi dan kien biex tipprova tghatti l-ferita. Mill-ezami hu kkonstata illi ma hemm l-ebda dubju illi l-ferita baqghet tinkwetaha lit-tifla. Huwa qal:-

*"Fl-ahharnett, ma hemm l-ebda dubju illi l-ferita baqghet tinkwetaha lit-tifla. Dan johrog car kemm minn dak li tghid fuq mistoqsijiet minn hbiebha kif ukoll kif tipprova tghatti l-lemin ta' wiccha b'xagharha u l-biza' taghha li bl-operazzjoni tigi aghar milli kienet. Ghaldaqstant m'hemm l-ebda dubju illi qeghda ssofri konsegwenzi psikologici minn dan l-aspett. Minghajr ghajnuna hemm periklu illi ma' l-adoloxxenza ssir aktar konxja u l-konsegwenzi jsiru aghar".*

*<u>"Rakkommandazzjonijiet".</u>*

*"It-tifla Manilla, sofriet u ghada ssofri konsegwenzi psikjatrici bhala rizultat ta' l-incident. Id-dijanjosi hija "adjustment disorder with predominant disturbance with other emotions (WHO International classification of disease – 10 code F 43.23)."*

*"Fuq "psychiatric impairment rating scale" ta' 0 – 70 (0 = minimal impairment, 70 = needs constant supervision"), l-ammont ta' inkapacita' (impairment) illi qeghda ssofri hija madwar 15 – 20".*

*"Jidher illi kemm it-tifla kif ukoll il-genituri taghha ser ikollhom bzonn ta' ghajnuna psikjatrika kif ukoll counselling u sakemm biex it-tifla u l-genituri taghha jaddattaw ahjar ghal konsegwenzi ta' dak li gara kif ukoll biex jinghataw parir x'inhuma r-riskji ta' interventi ohra bhal operazzjoni tat-tip kosmetiku."*

Illi rigward id-dizabilita' permanenti ta' 8% skond l-Espert Mediku Dr Frederick Zammit Maempel m'hemm l-ebda

problema. Izda ma jistax jinghad l-istess meta l-atturi qed jikkontendu li l-hsara psikologika illi kkonstataw il-psikjatri (inkluz ir-rapport ex parte ta' Francis X. Darmanin) illi din hija fattur iehor ta' dizabilita', liema hsara personali jista' jkollha effett dirett fuq il-qliegh tal-vittma ta' l-incident u b'hekk qed isostnu li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni dan il-fattur. Il-Perit Psikjatriku Dr.Saliba kkonkluda li hemm hsara psikologika ta' 15 – 20 (fuq skala ta' 70). Illi l-atturi jikkontendu li fil-massimu tal-hsara (u cioe' 20) dan jammonta ghal tmienja u ghoxrin punt sitta fuq skala ta' mija (u cioe' 28.6%). B'hekk qed jippretendu li d-dizabilita' ghandha tkun globalment ta' 36.6% (28.6% + 8%).

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana"** (A.C 15 ta' Jannar 2002 – Cit. Nru 1229/92/GCD), intqal li:-

*"Ma hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita' permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma l-persuna fil-possibbiltajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita' psikika li timmanifesta ruhha f'kondizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita' ghax-xoghol ta' l-individwu. Li kien mehtieg pero' anke f'dan il-kaz, hu li jigi stabbilit lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli li tali debilita' kawzata mill-incident li ghalih kien responsabbli l-konvenut, u inoltre', li d-disabilita' tkun wahda permanenti."*

Illi f'din l-istess kawza l-appellant (il-konvenut) issuggerixxa li d-danni minn debilita' fizika attwali ma kienux, jew ma setghux jinkludu wkoll danni rizultanti minn debilita' psikika provokata mill-incident, ghaliex dan ma kienx facilment verifikabbli u seta' johloq sitwazzjonijiet li jaghtu lok ghal reklami fittizji u mmaginarji. Izda l-Qorti tal-Appell ma qablitx ma' tali sottomissjoni u kkummentat hekk:-

*"Filwaqt li tirrikonoxxi d-diffikulta' tal-prova f'dan il-kamp, hi certament ma tistax teskludi illi jezistu sitwazzjonijiet fejn il-hsara provokata minn incident, anke stradali, ma tkunx*

*daqstant fizika daqs kemm psikika. Tqis inoltre’ li filwaqt li jista’ jkun li jkun hemm hsara fizika li ma tkunx ta’ natura permanenti, mhux eskluz li tali hsara setghet tipprovoka debilita’ psikologika permanenti li tista’ wkoll tkun kwantifikata f’telf ta’ qliegh futur. Bizzejjed jitqies il-kaz ta’ tfajla li ssofri sfregju f’wiccha li jkun biz-zmien rimedjabbli, imma li jaffettwalha permanentement il-psike taghha.”*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ghalhekk li d-dizabilita’ permanenti sofferta mill-istess minuri kienet kemm wahda fizika u kemm psikika u dan kien rizultat dirett tal-kollizzjoni imsemmija li ghaliha l-konvenuta hija responsabbli w allura hemm dak in-ness ta’ kazwalita’ u *‘cause and effect’* rikjesta mill-ligi, u li ghalihom l-istess konvenuta ghandha tigi tenuta responsabbli.

Illi f’dan il-kaz pero’ meta jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li dan id-difett konsistenti fi sfregju jonqos b’operazzjoni kosmetika u jitghatta bil-*make-up* din il-Qorti thoss li m’ghandhiex tiehu l-massimu imma l-minimu cioe’ 15 fuq skala ta’ 70 li jammonta ghal 21.42%. Dan ghaliex l-isfregju ghalkemm se jonqos mhux se jmur kompletament u kwindi l-effett psikologiku se jinhass.

Illi l-kwistjoni li jifdal hija jekk dawn iz-zewg persentaggi ta’ dizabilita’ fizika (8%) u dik psikologika (21.42%) ghandhomx jinghaddu flimkien biex jirrizulta persentagg wiehed jew jekk jittiehidx *“average”.* Din il-Qorti taghzel li ma tghoddx iz-zewg persentaggi flimkien imma li taghti persentagg wiehed li jikkomprendi t-tnejn u fil-kaz odjern thoss li l-persentagg ta’ dizabilita’ permanenti ghandu jkun ta’ 25%.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess, l-ammont li ghandu jigi likwidat favur l-atturi ghar-rigward tal-minuri Manilla Bottone huwa s-segwenti:-

(Lm60 x 52) x 35 x 25% = Lm27,300

Illi minn din is-somma ghandhom jitnaqqsu 20% ta’ *lump sum payment* li ghandu japplika fil-kaz odjern. Illi b’hekk l-

ammont li qed jigi likwidat favur taghhom huwa ta' Lm 27,300 – Lm5,460 li jhalli s-somma ta' Lm21,940.

Illi rigward id-*damnum emergens* li jikkonsistu fl-ispejjez li l-atturi batew minn mindu binthom harget mill-isptar u ttiehdet ghal diversi konsultazzjonijiet ghand tobba u specjalisti dan jammonta ghal total ta' Lm145.38 li gie ampjament ippruvat b'ricevuti.

Illi kwindi l-ammont globali li qed jigi likwidat favur l-atturi hu ta' Lm21,940 + Lm145.38 jammonta ghal Lm22,085.38.

Illi fl-ahharnett jinghad li l-eccezzjoni tas-socjeta' intervenuta fil-kawza dwar l-intempestivita' tal-azzjoni ghax l-atturi qatt ma kkwantifikaw it-talba jew pretenzjoni taghhom ma tregghiex. Fl-ewwel lok ma jidhirx li qatt kien hemm offerta f'dan l-aspett min-naha tas-intervenuta fil-kawza jew mill-konvenuti; u inoltre' l-atturi ezercitaw id-dritt taghhom li jfittxu ghad-danni li soffriet binthom.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuti u fuq ammissjoni ta' responsabbilta' *da parte* tas-socjeta' intervenuta fil-kawza, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha l-ohra tal-istess socjeta' intervenuta fil-kawza**, tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1) Tiddikjara li ghall-incident awtomobilistiku li sehh fi Triq San Martin, iz-Zurrieq, fl-24 ta' April 1999, bejn il-vettura targata CAD-502 misjuqa mill-konvenuta Rita Saliba, u l-vettura targata AAP-425 misjuqa mill-attur Paul Bottone, f'liema incident il-minuri bint l-atturi sofriet danni kienet responsabbli l-konvenuta;

2) Tillikwida d-danni sofferti mill-imsemmija minuri Manilla Bottone fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf u hamsa u tmenin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm22,085.38).

3) Tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont ta’ tnejn u ghoxrin elf u hamsa u tmenin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm22,085.38) bhala danni sofferti.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ Mejju, 1999 u dawk tal-intervenut fil-kawza kontra l-istess konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta’ Jannar, 2003.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**7 ta’ Jannar, 2003.**